MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 107/1989/2

**Francis Sidney sive Sidney Ellul Sullivan bhala Managing Director tas-socjeta` "Miles Manufacturers Ltd." in rapprezentanza ta' l-istess**

**vs**

**Dottor Remigio Zammit Pace, bhala Segretarju ta' "Elmo Insurance Services Ltd.", in rapprezentanza tal-istess, u din bhala Agent u in rapprezentanza tad-ditta estera "Sun Alliance and London Insurance plc"**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Frar 1989 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi bejn id-19 u l-21 ta' Dicembru 1987 saret serqa kbira minn persuni mhux maghrufa mill-imhazen "Miles

Fashions Warehouses", Ellul Mercer Street, Qormi, li fihom kien emm magazzinati diversi oggetti tas-socjeta' instanti;

Illi l-istess socjeta' kienet koperta kontra dan is-serq permezz ta' polza ta' assikurazzjoni numru 159-10670 mahruga mis-socjeta konvenuta;

Illi minhabba din is-serqa s-socjeta' instanti sofriet danni konsiderevoli konsistenti principalment fil-valur tal-merkanzija misruqa u fit-telf ta' profitt soffert bhala konsegwenza - liema danni jirrizultaw dettaljatament fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut nomine qieghed jirrifjuta li jhallas kumpens adegwat u gust ghad-danni sofferti; u b'hekk naqas li jonora l-obbligi minnu assunti fil-konfront tal-attur nomine;

Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni, talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

1. tiddikjara u tiddeciedi li d-danni kollha sofferti mill-attur nomine huma koperti mill-polza fuq imsemmija;
2. tillikwida l-istess danni;
3. tinnomina periti, okkorrendo, ghall-finijiet tal-likwidazzjoni;
4. tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine id-danni hekk likwidati.

Bl-interessi mid-data tat-12 ta' Jannar 1988 meta l-attur nomine issottometta l-claim tieghu, u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 1988, kontra l-konvenut nomine li baqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi hu qatt ma qal li d-danni attwali sofferti mill-attur nomine m'humiex koperti mill-polza relattiva.
2. Illi hu qatt ma kien kontra li jigu likwidati d-danni li l-attur jipprova li attwalment sofra.

3. Illi huwa mhux kontra li jigu nominati periti ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni li l-attur nomine jipprova li attwalment sofra.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tad-19 ta' April 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Albert Libreri bhala perit legali biex jirrelata wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonjiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza tal-perit komputista Richard Giorgio;

Rat id-digriet tat-13 ta' Novembru 1991 li permezz tieghu, fuq talba tal-kontendenti, ghall-imsemmi perit komputista li ma accettax l-inkariku gie sostitwit minfloku Paul Manduca;

Rat id-digriet tal-21 ta' Lulju 1992 fejn, fuq talba tal-kontendenti ghal korrezzjoni fl-isem tal-perit komputista, intlaqghet it-talba u l-isem ta' Paul Manduca gie korrett bl-isem ta' Andrew Manduca;

Rat id-digriet tas-6 ta' Novembru 1992 li permezz tieghu, fuq talba tal-kontendenti, gie sostitwit bhala perit komputista Frederick Mifsud Bonnici;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali u dik tal-perit komputista debitament mahlufa fil-11 ta' Jannar 2000;

Rat in-nota tal-konvenut nomine tas-17 ta' Jannar 2000 li permezz taghha talab in-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2000 mnejn jirrizulta li Dott. Joe Micallef Stafrace ghall-konvenut nomine ddikjara li mhux se jinsistu fuq it-talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda *claim* li ghamel l-attur nomine mas-socjeta` assikuratrici konvenuta wara serqa li saret bejn id-19 u l-21 ta' Dicembru 1987 minn gol-imhazen tieghu f'Ellul Mercer Street, Qormi. Il-*claim* saret a bazi ta' polza ta' assigurazzjoni allura vigenti (Dok. A anness mac-citazzjoni). Is-socjeta` konvenuta tidher li kull ma hi qed tesigi f'din il-kawza hija l-applikazzjoni tal-principju generali li min jallega jrid jipprova, u jekk tali prova tirnexxi da parte ta' l-attur nomine, allura hija tkun lesta thallas dak li jirrizulta dovut. Bhalma korrettement jissottometti l-perit legali fi-relazzjoni tieghu, f'materja ta' natura civili huwa sufficjenti li tali prova tkun sal-grad tal-probabilita`. Inoltre, f'kaz bhal dak odjern, il-gudikant irid izomm quddiem ghajnejh il-fatt li r-relazzjoni bejn il-partijiet (assikuratur u assikurat) hija bazata fuq l-ezistenza ta' *uberrimae fidei*. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, il-perit legali jghid hekk:

"50. Illi l-ewwel punt li ghandu jigi nvestit huwa jekk l-attur nomine rnexxilux jipprova fil-grad rikjest li huwa gie derubat minn terzi kif hu qed jallega.

51. Fuq dan il-punt mill-atti processwali jidher li jezistu zewg tezijiet kontropposti: Mill-banda wahda, hemm il-provi migjuba mill-attur nomine li:

(a) huwa mar fl-imhazen fil-21 ta' Dicembru 1987 ghal habta tas- 7.30a.m. u sab il-mahzen, fejn izomm il-merkanzija tas-socjeta` minnu rapprezentata - Miles Manufacturers Ltd. - imqalleb;
(b) fil-hajt divizorju bejn dan il-mahzen u bini adjacenti, li kien ghadu mibni gebel u saqaf u maghluq b'bieb provvisorju, kien gie maqlugh cangun li presumibilment ipprovda l-access ghall-hallelin;
(c) il-bieb ta' wiehed mill-imhazen kien sgassat;
(d) l-istorekeeper Joseph Bajada kkonferma li kien halla kollox f'postu meta ghalaq l-ahhar il-Gimgha ta' qabel;
(e) uhud mill-ixkafef u rails fejn kienet tinhazen il-merkanzija kienu vojta kif kienu wkoll xi rails u kaxxi tal-kartun imhollija fl-art;

(f) sar ir-rapport relattiv lill-pulizija u anke d-debita inkjesta magisterjali li wasslet lill-magistrat inkwirenti jikkonkludi li effettivament kienet avverrat ruhha serqa.

52. Mill-banda l-ohra, s-socjeta` konvenuta ppruvat tressaq dubji dwar jekk kienx hemm verament serqa jew, skond hi, agir frawdolenti dapparti tad-derubat sabiex jinkassa fuq il-polza ta' assikurazzjoni minhabba l-istat prekarju finanzjarju tas-socjeta minnu rapprezentata. Dwar dan, il-konvenut nomine:

(a) Irrileva u emfasizza ghal diversi drabi l-inkonsistenza tal-attur dwar il-valur tal-merkanzija misruqa minn ezatt kif skopra s-serqa meta ssemmew figuri baxxi bhal Lm3000 jew Lm10,000 sa meta din il-figura telghet ghal Lm40,000/Lm50,000 u kompliet titla sa Lm100,000.
(b) Gab provi dokumentari dwar in-nuqqas ta' "internal controls" fit-tmexxija tas-socjeta` attrici.
(c) Gab provi li, fil-vicinanza tas-serqa in kwistjoni, l-attur nomine kien gie misruq minn xi impjegati tieghu stess fosthom l-gharus ta' bintu.
(d) Esebixxa rapport fil-gurnal dwar proceduri kriminali istitwiti kontra l-attur dwar falsifikazzjoni ta' dokumenti u evazjoni ta' dazju.
(e) Gab il-manager tal-bank li jipprovdi l-facilitajiet lis-socjeta` attrici li xehed u esebixxa korrispondenza dwar l-istat finanzjarju hazin tas-socjeta` attrici.

53. Illi meta l-esponent gie biex jgharbel u jizen fuq bazi strettament legali dawn iz-zewg verzjonijiet, irrizultalu li filwaqt li t-tezi attrici hija fondata fuq provi konkreti koncentrati fuq l-attwalita tas-serqa, dawk migjuba mill-konvenut jew mhumiex sufficjenti biex jirribattu l-avverrar tas-serqa jew huma irrilevanti ghall-ezistenza taghha o meno jew huma assolutament irrilevanti u jissollevaw biss kongetturi.

54. Infatti dwar il-"provi" tal-konvenut nomine l-esponent ihoss li ghandu jissottometti s-segwenti:
(a) Kwantu ghall-inkonsistenzi tal-attur dwar il-valur tas-serqa, huwa minnu li kien hemm tali nkonsistenzi izda wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-'animu' ta' persuna

fil-mument li jiskopri li safa misruq, u li jkun ghadu qed jassorbi dak li gralu u konsegwentement ma jistax jittiehed bhala konklussiv dak li jisparla f'dak il-mument. Inoltre, f'dan il-kuntest, wiehed irid ukoll jikkunsidra li hawn mhux si tratta ta' serqa minn dar privata fejn id-derubat generalment jaf x'ghandu u fejn qeghdin u jaf partikolarment x'inhuma l-oggetti ta' l-iktar valur. Hawn si tratta ta' mhazen ta' kobor konsiderevoli (30 pied x 80 pied fond x 21 filata gholi - xhieda tal-attur tas- 7.02.90) mimli b'kull tip ta' hwejjeg ta' prezzijiet differenti misjub mqalleb hafna. Mhux biss ma setax u ma kellux jittiehed bhala vangelu dak li qal l-attur dakinhar dwar il-valur tas-serqa izda kien pruzuntus ghall-ahhar dak li qal l-istorekeeper Joe Bajada dwar l-istess valur meta hu kien ilu impjegat biss ftit xhur u f'dak iz-zmien kien ha hsieb id-dhul fil-mahzen ta' parti zghira biss mill-merkanzija mahzuna. U dawn l-inkonsistenzi ma jikkontrobattux il-prova li s-socjeta` attrici giet derubata izda semmai jitfghu dubji fuq l-ammont involut.

(b) Il-provi li rrizultaw mir-rapporti tal-awdituri dwar in-nuqqas ta' "internal controls" fil-gestjoni tal-kumpanija attrici mhux biss iwasslu ghall-istess konkluzjoni indikata fl-ahhar sentenza tas-subparagrafu precedenti izda jsahhu propju t-tezi attrici fis-sens li l-attur ma kellux u lanqas seta jkollu idea tal-ammont involut fis-serqa qabel ma saru l-verifiki mill-awdituri - verifiki li, <u>anke dawn</u>, ma setghux iwasslu ghal qbil bejn l-awdituri rispettivi tal-partijiet dwar il-figura finali.

(c) Lanqas ma ghandha rilevanza f'dan il-kuntest is-serq minn impjegati tal-attur stess gjaladarba l-konvenut nomine ma ressaq ebda prova li l-attur kien b'xi mod "miftiehem" ma dawn l-impjegati u gjaladarba ma giex stabbilit la minn fejn insterqu l-oggetti u lanqas jekk is-serq sarx qabel, wara jew kien propju parti mis-serqa in kwistjoni.

(d) Kwantu ghal fatt tar-rapport fil-gazzetti dwar proceduri kriminali kontra l-attur personalment, dawn huma rrilevanti ghal kollox inkwantu mhux biss jirrigwardaw cirkostanzi ohra mhux konnessi mal-kaz odjern izda ghaliex il-prova dwar proceduri kriminali li ghadhom <u>pendenti</u> ma tikkostitwixxi ebda prova ta' agir delittwuz tal-attur f'dak il-kaz.

(e) Dwar l-istat finanzjarju prekarju tas-socjeta attrici, ix-xhieda ta' John Gauci (manager tal-fergha tal-bank in kwistjoni) u d-dokumenti JG1 u JG2 minnu esebiti jirrigwardaw l-istat tal-kumpanija f'Settembru 1988, u cioe disa' xhur wara s-serqa, u kwindi ma jitfghu ebda dawl fuq il-kawza odjerna jekk mhux jatu lok ghal dubji li tali stat kritiku seta' propju gie in parti kagunat minn nuqqas tas-socjeta konvenuta li tirrikompensa lill-attur nomine tas-serqa meritu tal-kawza odjerna.

55. Stabbilit li s-serqa attwalment saret, fadal biss li jigi ezaminat il-'quantum' tat-telf soffert. Ghal dan il-ghan, din l-Onorabbli Qorti ghogobha tinnomina lill-abbli Frederick Mifsud Bonnici bhala perit komputista, liema perit irrediga r-rizultanzi tieghu li jinsabu annessi ma dan ir-rapport u ghalhekk jifformaw parti integrali minnu. Kif jidher minn dan ir-rapport , anke l-perit komputista sab diffikolta biex jasal ghal dan il-'quantum' u finalment, wara d-diversi kalkoli, kellu jipproponi l-figura finali ta' sebghin elf u hames mitt lira (Lm70,500) fuq decizjoni ta' "arbitrio boni viri". Jidher car minn dan ir-rapport li tali decizjoni kellu jehodha propju minhabba l-hekk imsejjha "tortijiet' jew deficjenzi fis-sistema dwar kif l-attur kien imexxi n-negozju tieghu u ghalhekk jekk l-attur ihoss li din il-figura hija baxxa, ma jista' jaghti tort lil hadd hlief lilu nnifsu.

56. Minn naha tal-esponent, gjaladarba huwa stabbilit li l-valur tal-istock kopert bil-polza skond l-endorsement affol 20 tad-Dokument A kien ta' Lm350,000 mentri l-valur tal-istock fil-mument tas-serqa kien fil-limiti tal-valur kopert - vide Addendum 1 tar-rapport tekniku li jindika valur nett ta' stock fl-ammont ta' Lm304,956 - il-figura konklusiva ta' Lm93,982 li sussegwentement giet ridotta ghal figura finali ta' Lm70,500 tidher li hija legittimament dovuta."

Din il-Qorti, wara li ezaminat n-noti ta' osservazzjonjiet tal-partjiet, hi tal-fehma li ghandha tilqa' l-konkluzjonijiet peritali kif inhuma. Hija soddisfatta li, mill-provi prodotti, hemm evidenza bizzejjed li saret serqa sostanzjali ghad-dannu tas-socjeta` attrici u li s-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma unikament kongetturi. Kwantu ghall-kwantum tar-refurtiva, fil-fehma ta' din il-Qorti,

minhabba n-nuqqasijiet riskontrati mill-perit komputista fl-*accounting records* ta' l-attur nomine, kien gustifikat li jasal ghall-figura ta' Lm70,500 wara li kien naqqas 25% mill-pretensjoni attrici u dan minhabba n-nuqqasijiet imsemmija u minhabba "obsolescence". Sahansitra din il-figura hija vicin ferm il-figura li kienu waslu ghaliha l-awdituri tas-socjeta` konvenuta (Lm72,435), b'dan illi huma mbaghad naqqsu ammonti akbar minhabba l-istess nuqqasijiet u minhabba "obsolescence". Mill-banda l-ohra l-attur nomine qieghed jippretendi li fuq il-figura determinata bhala l-valur ta' merkanzija li nsterqet, ghandu jizdied 140% bhala *"stock mark-up"* u rapprezentanti t-telf ta' profitt bhala rizultat tas-serq ta' l-istess merkanzija.

L-attur nomine kien ikollu ragun sa certu punt li kieku l-merkanzija misruqa kienet kollha gdida fjamanta, ta' l-istagun, u kienet sejra tinbiegh kollha bil-*mark-up* shih ta' 140%. L-attur nomine stess fl-affidavit tieghu jghid li "l-mark-ups tal-fashion ivarja bejn 100% sa 150% u l-bulk tal-fashion johrog, tax-xitwa bejn Ottubru u Novembru sal-Milied u tas-sajf johrog minn Mejju sa nofs Lulju. Jigifieri meta ahna nohorgu bis-sale … ahna xorta wahda naghmlu profitt. Pero` rrid niccara li r-regola generali tas-sales hija li dejjem indahhlu flusna plus 10%. Gieli kien hemm kazi li waqt is-sales inbieghu at cost u forsi less 10% inqas mill-cost price. Dawn ikunu kazijiet rari ghalkemm bhalissa dan qed naghmlu. Per ezempju minn mitejn item, jinzerta wiehed li ma jirnexxix - nghidulu slow-moving. Meta jkun slow-moving, biex intajru l-istock li jkun hemm, inbieghuh at cost u kultant anke less 10% jew 20%". Pero` m'hemmx prova li dak li nsteraq kien kollu xoghol gdid. Interessanti f'dan ir-rigward ix-xiehda ta' Joseph Bajada li kien store-keeper u li xehed li sa gimaghtejn qabel is-serqa sar sale tal-hwejjeg (li kien beda fl-ewwel gimgha ta' Dicembru) fil-mahzen u li wara s-sale ma jidhirlux li ddahhlet merkanzija gdida. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti se zzid il-figura li wasal ghaliha l-perit komputista b'10%, u cioe` Lm7,050.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta` assikuratrici fis-somma komplessiva ta' Lm77,550.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li d-danni kollha sofferti mill-attur nomine huma koperti mill-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm77,550; u
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine d-danni hekk likwidati fis-somma ta' Lm77,550 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------